# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 16**

**Avviz numru 214/00/SM**

**Korporazzjoni Ghal Zvilup ta' Malta**

**vs**

**Penza Construction Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din l-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tmien mija u erba' u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (LM894.50,0) rapprezentant arrettrati ta' kera u kumpens ta' okkupazzjoni**

**ta' fond u sit adjacenti bin-numru 204 C fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa, liema kera u kumpens huma dovuti ghall-perjodu ta' bejn it-2 t'Ottubru 1997 u l-20 ta' Awissu 1998 skond l-anness statement dok A u ittra dok B, flimkien mal-imghax legali dekorribbli d-data tal-ittra ufficjali tat-12 t'Ottubru 1999 sal-pagament effettiv;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru 1999 u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni attrici, stante illi fiz-zmien indikat fl-avviz odjern, il-kirja tal-fond 204 C, Qasam Industrijali, Hal-Luqa, kienet gia giet terminata;**

**2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suddett, kull kumpens pretiz mill-Korporazzjoni attrici ghall-okkupazzjoni tal-imsemmi fond u sit adjacenti, gia gie debitament imhallas mis-socjeta' esponenti;**

**3. Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi okkupazzjoni ulterjuri mis-socjeta' esponenti fl-imsemmi fond u sit adjacenti kien dovut biss ghal ragunijiet attribwibbli unikament lill-Korporazzjoni attrici illi impedew lis-socjeta' esponenti milli tibda taghmel uzu mis-sit alternattiv allokat lilha mill-istess Korporazzjoni;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-Korporazzjoni attrici ssostni li s-socjeta' konvenuta tokkupa l-bini numru 204 C flimkien ma' sit adjacenti fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa, u ilha taghmel dan mit-3 ta' April ta' l-1987 a bazi ta' "letter of intent" u damet tokkupa l-istess sa l-20 ta' Lulju ta' l-1998;**

2. **Illi l-Korporazzjoni attrici qed titlob l-ammont minnha indikat fl-avviz odjern bhala arretrati dovuti lilha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi s-socjeta' konvenuta ssostni li t-talbiet attrici huma infondati u dan ghas-segwenti ragunijiet;**

1. **Illi l-mod li l-Korporazzjoni imxiet maghha kien wiehed fluwidu, flessibbli u fl-interess tal-kummerc;**

2. **Illi s-socjeta' konvenuta irceviet "letter of intent" mill-Korporazzjoni attrici li kien jippermettilha tmur Hal-Far skond il-kondizzjonijiet hemm indikati;**

3. **Illi s-socjeta' konvenuta imxiet a bazi tal-"letter of intent" lilha moghtija;**

4. **Illi l-istess socjeta' konvenuta ssostni li m'ghandha taghti xejn lill-Korporazzjoni attrici statne li dejjem imxiet a bazi tal-"letter of intent" fuq riferita u ta' l-istruzzjonijiet li impjegati ta' l-istess Korporazzjoni kienu jaghtuha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti m'hix sodisfatta li l-Korporazzjoni attrici pprovat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement tirrispingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez;**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**